MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 52

23 ta` April 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u kwart ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier

**SKUŻAT B`APOLIGIJA:**

Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 52.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li s-Sur Eman Zerafa ma seghtax jattendi ghal din il-laqgha minhabba ragunijiet ta` xoghol. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

### 52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 50(07), fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

52.2.1 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ilu zmien jigri wara l-kuntrattur li kiser Triq l-10 t`Awwissu. Is-Sur Gellel qal li l-Kunsill ma jistax jibqa` jistenna dan il-kuntrattur biex titranga din it-triq. Zied jghid li jrid jsir xi haga jew issir press conference jew xi tip ta` azzjoni ohra. Zied jghid li ma ma nisghtux nibqghu niddiskutu biss u ma jsir xejn. Is-Sur John Boxall identifika wkoll tlett siti ohra li ghandhom bzonn issiru fosthom Triq il-Habs l-Antik (quddiem il-grocer), Triq l-10 t`Awwissu ssir bl-imprint u Pjazetta san Filippu issir imprint wkoll. Is-Sur Lorry Attard propona li ssir laqgha mall-Prim Ministru dwar dawn in-nuqqasijiet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti. *(Minuti 50(07) 50.7.2)*

### 52.3 Informazzjoni dwar il-Konferenza tal-Progett YIEPS

Is-Sur Boxall spjega li kollox jinsab preparat ghal konferenza li ser tibda matul din il-gimgha. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill stieden il-Ministru l-Onorevoli Michael Farrugia biex jindirizza lid-delegati prezenti u li l-konferenzi ser ssiru wahda gewwa Forti Sant`Anglu u ohra gos-sala tal-Kunsill.

**52.4 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2017 Emendati**

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat l-Istqarrijiet Finanzjarji 2017 u spjegat li financial statement tas-sena 2017 baqa` kif inhu, ma kien hemm l-ebda aggustament. Is-Sindku propona li dan il-financial statement jigi approvat, u gie approvat minn dawk prezenti.

**52.5 Korrispondenza**

52.5.1 Giet moqrija ittra li ntbaghtet mis-Sur Jonathan Cini dwar talba biex fil-Gimgha Mqaddsa tas-sena 2019 jerga jarma fl-entratura tal-Berga ta` Franza. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

52.5.3 Ntbghatet l-applikazzjoni tal-iskema WIF4EU fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu talab biex il-WIFI jigi nstallat fiz-zona ta` Couvre Porte.

**52.6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

52.6.1 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti dwar ir-rigal li jrid jinxtara lill-Arcipriet ghal dakinhar tal-pussess tieghu. Dawk prezenti qabblu li tinxtara xi haga ta` valur ta` madwar €100.

52.6.2 Is-Sur John Boxall spjega l-ittra li l-Kunsill ircieva dwar id-donazzjoni li ntalbet lill-Arcipriet dwar l-uzu ta` Couvre Porte. Is-Sindku zied jghid li ltaqa mad-Direttur Generali u tkellmu dwar dan u s-Sindku spjega li gie mgharraf li l-Kunsill jista` jitlob donazzjoni.

52.6.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li fil-jiem li gejjin kien ser jitwahhal id-dawl tas-sala ta` fuq u dawl ta` tarag tal-Berga ta` Franza.

52.6.4 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li wasal iz-zmien li ssir reception ta` ringrazzjament ghal dawk il-benefatturi kollha li ghogobhom

jghinnu lill-Kunsill sabiex issir ir-restawr ta` wahda mill-kmamar ta` fuq fil-Berga ta` Franza. Gie deciz li din ir-reception issir is-Sibt 19 ta` Mejju 2018.

52.6.5 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li gie avvicinat mill-Kap tal-Iskola Primarja tal-Birgu sabiex il-Kunsill jghin billi jinxtraw xi kotba lit-tfal tal-kindergarten sabiex jitqassmu fic-celebration day. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

52.6.6 Is-Sur John Boxall propona li jsiru zewg munumenti minn zewg artisti lokali u jitpoggew fil-Foss tal-Birgu. Is-Sur Boxall talab sabiex min ghandu xi proponiment ta` xi artist partikulari, jinforma lill-Kunsill.

52.6.7 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti dwar laqgha li kellu tar-Regjun Konsultattiv fejn spjega li l-progetti li ser ssiru gewwa l-Birgu ser issiru fl-2021.

52.6.8 Is-Sindku nforma lil dawk prezneti li fil-jiem li gejjin ser ssiru l-intervisti lil dawk l-applikanti kollha elegibbli sabiex jimlew il-post vakant ta` skrivan/a fuq bazi part time.

18:30hr Is-Sur Trevor Mizzi gie skuzat mill-laqgha minhabba impenji ohra.

**52.7 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**52.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Ma kienx hemm skeda ta` pagamenti

**52.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgha neqsin ghoxrin ta` filghaxija (6.40pm). Il-Laqgha giet aggornata ghall-Erbgha 9 ta` Mejju 2018 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum l-Erbgha 13 ta` Gunju 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |